# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**L-Imqabba Local Council**


**Minuti tal-20 laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 11 ta' Novembru 2025 fis-6:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Uffiċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresediet il-laqgħa.

**20.01 Talba**

20.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**20.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

20.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**20.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 19**

20.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 19 ġew approvati unanimament; bi qbil ukoll dwar emenda li għamlet is-Sindku f'*item 19.04.02* fejn żiedet punt li ma kienx imniżżel, rigward is-sejħa għal *Administration Officer I* li kienet għadha ma ħarġitx. Il-Kunsillier Sciberras ippropona u l-Viċi Sindku ssekonda.

**20.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

20.04.01 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li nhar it-Tnejn, 10 ta' Novembru 2025, inbeda x-xogħol fi Triq Santa Katerina li jinkludi l-bini mill-ġdid tal-bankini, il-bidla tas-servizzi fejn ikun meħtieġ u l-kisi mill-ġdid tal-wiċċ tat-triq, b'*monitoring* għaddej minħabba s-sensittività taż-żona, fejn l-ispejjeż tiegħu se jiġu assorbiti mill-*Public Works*. Hija żiedet tispjega li x-xogħol fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti wkoll se jkun koordinat mill-*Public Works*, iżda bħlissa qed jistennew materjal importat sabiex il-*monitoring* u x-xogħol isiru flimkien. Fl-aħħar nett, is-Sindku nfurmat li x-xogħol fi Triq il-Lanġasa kien mistenni jibda iżda għadu ma bediex minħabba raġunijiet personali tal-kuntrattur. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

20.04.02 Is-Sindku infurmat lill-membri preżenti li rċevejna lmenti rigward *garages* mgħerrqa fi Triq Ħal Kirkop, u talbet lill-Viċi Sindku jispjega s-sitwazzjoni. Il-Viċi Sindku spjega li l-problema bdiet minn meta sar l-aħħar *reinstatement* mill-*Enemalta* f'Jannar 2024, fejn it-*tarmac* sar għoli iktar milli kien bil-konsegwenza li l-ilma tax-xita tat-triq qed jidħol fil-

*garages* li jinsabu livell tat-triq u jiskula għal ġos-*semi-basement garges*. Is-Sindku qalet li, billi t-triq kienet għadha taħt garanzija, l-Enemalta kellha l-obbligu li terġa' tiksi l-wiċċ kollu tat-triq u mhux tagħmel *reinstatement* biss biex tingħalaq it-trinka. Għaldaqstant ġie deċiż li jiġi verifikat meta kienet inksiet it-triq minn IM, u niktbu lill-entità kkonċernata, jiġifieri l-Enemalta, b'kopja lill-IM dwar din is-sitwazzjoni. Il-Kunsillieri preżenti qablu dwar dan.

20.04.03 Is-Sindku qalet li fi Triq Valletta, il-parti tas-siġar, hemm problema bl-ilma tax-xita, minn mindu kienet saret it-triq minn IM, fejn l-ilma tat-triq ġie jaqleb għal ġol-*garages* li huma livell mat-triq, ta' resident fi Triq Valletta, L-Imqabba. Hija kompliet li mill-uffiċċju infurmajna lill-IM dwar din il-kwistjoni sabiex tinstab soluzzjoni. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

20.04.04 Is-Sindku semmiet żewġ abbozzi ta' sejħiet għall-offerti li s-S.E. ċċirkulati mal-Kunsillieri, waħda għal servizz ta' Perit u l-oħra għal servizz ta' *Accountant*, li għandhom jiġu ppubblikati mill-aktar fis possibbli minħabba li l-Perit informa lill-Kunsill li ma jridx ikompli joffri s-servizz, filwaqt li l-*Accountant* ilha ma tattendi l-uffiċċju u għadha tieħu ħsieb biss il-pagi. Is-Sindku żiedet li hija diġà kkomunikat mad-Direttur Ġenerali Emil Vassallo dwar din is-sitwazzjoni, speċjalment fid-dawl tal-ħtieġa li tingħalaq is-sena finanzjarja u jitħejja l-baġit, fejn hu għarrafha dwar il-possibbiltà li l-Kunsill jaħdem ma' kumpanija tal-Gvern mingħajr il-bżonn ta' kwotazzjonijiet jew *direct orders*, u hekk kif ikollu laqgħa magħhom, huwa se javża lill-Kunsill dwar l-iżviluppi. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

20.04.05 Is-Sindku infurmat ukoll li t-*tentative date* tal-Laqgħa tal-Baġit tar-Reġjun Punent, hija 26 ta' Novembru 2025. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

20.04.06 Rigward il-*Car Show* is-Sindku infurmat li din kienet ippjanata għall-Ħadd 9 ta' Novembru 2025, fejn anke l-uffijċali tal-LESA kkonfermaw fl-aħħar ħin li jistgħu jassistu. Madankollu, l-attività kellha terġa' tiġi għal darb'oħra kkanċellata, minħabba li mill-uffiċċju meterjoloġiku kien imbassar li se jkun il-maltemp. Is-Sindku talbet lill-Kunsillier Sciberras sabiex iżomm kuntatt mal-President tal-*Mustang* biex jaraw meta possibbli li tittella' din il-*car show*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

20.04.07 Is-Sindku fakkret sabiex il-Ġimgħa 14 ta' Novembru 2025, hi flimkien mal-Kunsillier Ghigo, jmorru jaraw x'rigali se jinxtraw għat-tfal kollha li se jattendu l-*Party* tal-Milied. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

20.04.08 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li ż-żjara ppjanata tal-President ta' Malta ser tiġi skedata mill-ġdid għal nhar it-22 ta' Frar 2026, għar-raġuni li l-President waqqħet lura minħabba impenji ta' safar li kellha. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

20.04.09 Is-Sindku infurmat li nhar is-16 ta' Diċembru 2025 ser jiġi organizzat *Coffee Morning* tal-Milied ġewwa s-*Seaside Restaurant*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

20.04.10 Is-Sindku qalet li rigward id-*drop kerbs* u l-manutenzjoni tal-bankini fi Triq iċ-Ċavi, f'Misraħ Missjoni ż-Żgħira, u fi Triq Dun Ġeraldu Mangion, mill-uffiċċju intbagħtu t-talbiet lill-

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


*Public Works* sabiex jiġu kkunsidrati u, jekk possibbli, jiġu esegwiti x-xogħlijiet meħtieġa mill-istess dipartiment. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

20.04.11 Dwar Triq Mons Alfons Caruana, is-Sindku qalet li twaħħlu xi tabelli mingħajr notifika lill-Kunsill, fejn hija kkomunikat ma' IM biex tivverifika dan. Minkejja li r-residenti kienu infurmati minn xi ħaddiem li x-xogħol kien se jibda dalwaqt, il-Perit ta' IM ċċara f'laqgħa urġenti mitluba mis-Sindku, li x-xogħol huwa antiċipat li jida madwar tliet ġimgħat oħra u li t-tabelli jitwaħħlu minn qabel bħala prassi. Il-Kunsill ġie assigurat li qabel jibdew ix-xogħlijiet se jitqassmu noti lir-residenti u tingħata notifika formali. Ix-xogħol jinkludi bankini, servizzi u kisi bit-tarmak f'Triq il-Franka u Triq Mons Alfons Caruana, kif ukoll il-kordinazzjoni ma' sid ta' plot privata li trid tiġi rtirata 'l ġewwa. Is-Sindku enfasizzat il-problema tal-ilma li jakkumula u l-garaxxijiet li jgħerqu, u talbet li jiġu kkunsidrati *water catchments*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

20.04.12 Is-Sindku tat aġġornament dwar il-laqgħa mal-ERA, li għaliha attendew biss hi u l-Viċi Sindku, u spjegat li reġa' tqajjem is-suġġett ta' Triq tas-Sejba. Hija enfasizzat mal-ERA li l-Kunsill qed jistenna soluzzjonijiet konkreti minflok ripetizzjoni ta' punti, u l-ERA wieġbet li se tirrevedi ċerti proċeduri. Is-Sindku qalet ukoll lil ERA li jekk hemm bżonn intervent mal-Ministru biex jiġu kkunsidrati emendi leġislattivi, l-ERA għandha tippreżenta s-suġġerimenti tagħha. Hija rrimarkat li minkejja l-infurzar kontra xogħol bla permess, jekk il-multi ma jitħallsux is-sitwazzjoni tibqa' bla effett, u wisset li jekk iseħħ inċident minħabba t-trabijiet, ir-responsabbiltà trid tiġi assunta. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

## 20.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

20.05.01 Il-Kunsillier Sciberras talab aġġornament dwar l-istaff il-ġdida mill-iskema *CWSEF*, Ms Lorna Quintano. Is-Sindku esprimiet apprezzament għax-xogħol tagħha, filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv kompliet li hija sodisfatta bix-xogħol tagħha, fejn hija kapaċi tilqa' pagamenti taċ-ċitazzjonijiet, kirjiet tal-*Lands* u tal-*Housing*, tibbukkja *bulky refuse calls* u taqta' l-biljetti għall-attivitajiet. Il-Kunsilliera ħadu nota ta' dan.

20.05.02 Il-Kunsillier Ghigo staqsa dwar il-plot fi Triq il-Franka fejn ġie rrappurtat li qed isir *illegal dumping*. Is-S.E. infurmatu li se għad trid tibgħat ir-rapport uffiċjali dwar dan is-sit, lill-Pulizija, lis-Sanità u lill-ERA għall-azzjoni meħtieġa. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

## 20.06 Laqgħa Annwali tal-Lokalità

20.06.01 Is-Sindku infurmat li għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalità li saret propju qabel din il-laqgħa tal-Kunsill, attendew biss żewġ residenti; fejn minkejja li l-iskop ewlieni tal-laqgħa kien id-diskussjoni tal-Baġit, il-mistoqsijiet tal-individwi preżenti ffokaw fuq suġġetti li ma kinux relatati, fosthom talbiet għal informazzjoni dwar il-bidu tax-xogħlijiet fi Triq Mons. Alfons Caruana u Triq il-Franka, kif ukoll dwar toroq arterjali li ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u lanqas fil-konfini tal-Imqabba. Il-Kunsillieri preżenti kkonfermaw dan.

## 20.07 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


20.07.01 Is-Sindku qalet li ġiet infurmata dwar applikazzjoni tal-*PA* li ser tiġi ppubblikata l-għada, u li r-rappreżentazzjonijiet jew oġġezzjonijiet relatati magħha jistgħu jiġu sottomessi sas-27 ta' Novembru 2025. Hija spjegat li, peress li ż-żona inkwistjoni mhix klassifikata bħala *ODZ*, il-Kunsill għandu setgħat limitati f'dan il-każ, u għall-istess raġuni tat parir lil dawk li esprimew it-tħassib tagħhom biex jikkonsultaw mal-perit tagħhom dwar l-iżvilupp propost.

20.07.02 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-EAPPS mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-S.E. ippreżentat lill-Kunsillieri, il-Kunsillieri qablu li ma hemmx dwar xhix il-Kunsill għandu joġġezzjona jew jibgħat rappreżentazzjoni.

**20.08 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

20.08.01 Is-S.E. ppreżentat żewġ tpinġija tat-tfal li rċevejna għall-Kartolina tal-Milied. Il-Kunsillieri rawhom u ddiskutew dwar liema waħda se tkun fuq il-faċċata tal-kartolina, fejn is-S.E. ħadet nota sabiex tkun tista' tmexxi fuqha biex eventwalment jiġu pprintjati l-kartolini u jitqassmu mar-raħal kollu.

20.08.02 Irċevejna korrispondenza mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija dwar talba għal kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali rigward l-attività *"The Christmas Heist"* bi tħejjija għal Żmien il-Milied mil-5 sal-14 ta' Diċembru 2025. Is-Sindku, qalet li bħala Kunsill għandna nkomplu nikkollaboraw magħhom bl-istess mod kif sar is-sena li għaddiet, magħhom u mas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju. Il-Kunsillieri qablu unanimament ma' dan.

20.08.03 Irċevejna korrispondenza mis-Sezzjoni Żgħażagħ Madonna tal-Ġilju dwar talba għall-użu tas-sala tal-Iskola Primarja tal-Imqabba biex tittella' reċta, kif sar fis-snin preċedenti. Is-Sidnku qalet li din ser tittella' s-sena d-dieħla. Il-Kunsillieri qablu unanimament li l-applikazzjoni tintbagħat lill-Kulleġġ.

20.08.04 Irċevejna korrispondenza mingħand Annalise Duca dwar il-kontinwità tas-Servizz tal-Permessi Lokali, li tinkludi proposta għall-manteniment tas-sistema u għall-proċess ta' kuntratt ġdid. Is-Sindku spjegat li qabel ma nikkommettu, hemm bżonn li jkollna direzzjoni mingħand id-DG Emil Vassallo u konsultazzjoni ma' Mario Fava, sabiex jiġi kjarifikat jekk il-fondi humiex se jiġu allokati jew jekk il-Kunsill hux se jħallas b'*direct order* jew bi *quotation* u mbagħad jiġi *reimbursed*. Is-S.E. issuġġeriet li s-sistema attwali għandha tibqa' tintuża, u l-Kunsillieri qablu li għandna nitolbu direzzjoni uffiċjali qabel ma jitkompla l-proċess.

20.08.05 Irċevejna korrispondenza mingħand *MaltaPost* dwar proposta għall-installazzjoni ta' *Easipik Parcel Locker* fl-Imqabba u talba biex il-Kunsill jidentifika sit aċċessibbli 24/7 u kopert b'*CCTV*. Is-Sindku qalet li din il-proposta m'għandhiex tiġi aċċettata u sostniet li jkun aħjar jekk il-*Maltapost* tagħti s-servizzi meħtieġa fil-lokalità, b'mod partikolari dawk meħtieġa mill-anzjani biex iħallsu l-kontijiet. Il-Kunsillieri preżenti qablu ma' dan.

20.08.06 Irċevejna r-rapport tal-Perit Tara dwar it-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fit-triq minn każini, bars u ħwienet, fejn is-Sindku spjegat li mingħajr permess tal-PA dawn ma jkunux koperti, anki jekk jeżistu permessi oħra tal-*MTA* u tal-*Lands*.Hi kompliet li l-Każin ta' Santa Marija u Każin tal-Ġilju biss għandhom il-permess meħtieġ. Is-Sindku qalet li r-rapport intbagħat

lill-avukat filwaqt li talbitu biex fil-preżenza tiegħu tkun organizzata laqgħa mill-Kunsill mas-sidien sabiex jiġu kjarifikati l-obbligi tagħhom, u wara jingħatalhom perjodu raġonevoli biex japplikaw u jkunu konformi mal-liġi. Is-Sindku enfasizzat li l-Kunsill ma jaċċettax tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet mhux awtorizzati minħabba r-responsabbiltà potenzjali f'każ ta' inċident. Il-Kunsillieri qablu ma' dan.

20.08.07 Irċevejna korrispondenza mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar in-nuqqas ta' pubblikazzjoni ta' ċerti skedi ta' pagamenti fuq il-*website* tal-Kunsill. Hija staqsiet lis-S.E. dwar ir-raġuni ta' dan in-nuqqas, fejn is-S.E. spjegat li minħabba l-bidla tas-sit u l-volum ta' dokumenti kien għad hemm SOPs li ma ttellgħux. Is-Sindku talbet li d-dokumenti jitilgħu regolarment wara kull laqgħa u li jitlesta wkoll l-*upload* ta' dawk li għadhom neqsin. Is-S.E. se timpenja ruħha u li taġixxi kif mitlub. Il-Kunsillieri ħadu nota.

**20.09 Ilmenti u Suġġerimenti**

20.09.01 Il-Viċi Sindku tkellem dwar każ li seħħ filgħodu li jinvolvi residenta li talbitu l-għajnuna biex tikseb permess għall-użu ta' makkinarju minħabba li kienet fuq ix-xogħol u ma setgħetx tasal fl-uffiċċju tal-Kunsill jew tapplika online. Il-Viċi Sindku qal li hu talab lir-residenta tikkuntattja l-uffiċċju sabiex l-istaff jippreparaw il-permess, li mbagħad kien se jiġbor u jħallas hu stess. Huwa spjega li nqala' diżgwid bejn ir-residenta u l-iskrivana tal-Kunsill, fejn ir-residenta esprimiet ilment dwar l-attitudni arroganti tal-iskrivana meta qaltilha li ma kinitx infurmata bil-permess. Wara diskussjoni twila dwar dan il-każ mill-membri preżenti, is-Sindku enfasizzat li l-impjegati tal-Kunsill m'għandhom qatt jgħollu leħinhom mar-residenti u li meta Kunsillier jagħmel talba, l-istaff għandu jikkopera peress li r-responsabbiltà tinġarr minnu. Għaldaqstant, hija talbet lis-S.E. biex tindirizza din l-imġiba mal-iskrivana sabiex jiġu evitati każi simili fil-futur.

20.09.02 Il-Kunsillier Galea informa li l-lampa fuq arblu fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti tinsab mitfija u li l-lampa rrappurtata fi Triq il-Qrendi għadha ma tixgħelx. Hu saħaq ukoll li fid-dawl tal-Ġnien Onġi Onġella l-problema x'aktarx mhijiex relatata ma' *breaker* jew *timer* iżda hemm bżonn jinbidlu diversi bozoz. Is-Sindku fakkret lis-S.E. dwar il-lista ta' każijiet pendenti relatati mal-lampi tat-triq u talbitha tiddelega lill-ħaddiem tal-Kunsill sabiex jiċċekkja s-sitwazzjoni fil-Ġnien Onġi Onġella.

20.09.03 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar iċ-*charging pillars*. Is-Sindku qalet li minkejja li dawn kellhom jiġu nstallati sal-aħħar tas-sena, il-Kunsill ma rċieva l-ebda aġġornament ulterjuri. Hija talbet lis-S.E. tibgħat lill-Ministru responsabbli dwar dan.

20.09.04 Il-Kunsillier Sciberras informa li d-dawl tat-triq fi Triq Mikelanġ Sapiano huwa kollu mitfi. Is-S.E. ħadet nota biex dan jiġi rrappurtat.

20.09.05 Il-Kunsillier Sciberras ġibet l-attenzjoni dwar ċint li waqa' fi Triq Baskal Xuereb, wara l-*istage* fil-bidu tar-rampa. Is-Sindku talbet lis-S.E. sabiex jittieħdu r-ritratti u jintbagħtu lill-Perit Rebecca ta' IM sabiex tittieħed l-azzjoni meħtieġa.

20.09.06 Il-Kunsillier Sciberras ressaq ilment f'isem residenti Mqabbin kif ukoll Qrendin, rigward l-istorbju li qed isir bil-makkinarju tal-kostruzzjoni fuq il-proġett tal-Mitħna Park sa tard bil-

lejl. Is-Sindku spjegat li l-Kunsill Lokali tal-Imqabba ma sab l-ebda oġġezzjoni meta *Project Green* staqsew jekk jistgħux jaħdmu sa nofs il-lejl minħabba skadenzi li jridu jonoraw. Madanakollu, is-Sindku talbithom jikkonsultaw mal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, billi r-residenti Qrendin huma iktar viċin il-proġett u l-aktar affettwati. Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ma oġġezzjonax lanqas għall-estensjoni tax-xogħol. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

20.09.07 Il-Kunsillier Ghigo ressaq ilment dwar storbju u tqattiegħ ta' boroż minn numru ta' tiġieġ li qed ikunu jiġru barra fi Triq Ħal Kirkop. Is-Sindku qalet li hija diġà kkuntattjat lill-*Community Police* rigward is-sitwazzjoni u qalet li, jekk jinkiseb xi tagħrif dwar min hu s-sid tal-għalqa li minnha qed joħorġu t-tiġieġ, il-Kunsill ikun jista' jindirizza aħjar din il-kwistjoni.

20.09.08 Il-Kunsillier Ghigo ressaq ilment dwar ammont ta' skart goff li reġa' qed jintrema fi Sqaq Buħar.

**20.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/20**

20.10.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/20 ġiet approvata.

**20.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

20.11.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 11 ta' Novembru 2025 fis-5:45 pm.

Konfermati illum it-Tlieta 09 ta' Diċembru 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |